# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-16 ta' Marzu 2021**

**Rik. Kon. Nru : 418/2019 JPG**

**Kawza Nru : 6**

**JG**

**U**

**EG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' JG u EG datat 11 ta' Settembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewġu nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011) mis sena 2015 u dan skont iċ-ċertifikat taz-zwieġ hawn anness u mmarkat bħala "Dokument A".*

*Illi l-partijiet ilhom separati sa mid-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) permezz kuntratt ta' separazzjoni hawn anness fl-atti tan-nutar Josef Christian Masini Vento; izda kienu ilhom de facto separati sa minn Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fil-fatt ir-raġel kien dak iz-zmien beda jaħdem barra minn Malta;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżżewġin;*

*Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa*

*għall-ksib tad-divorzju skond l-**Artikolu 66B** tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant r-rikorrenti umilent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħdax (2011);*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għall daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**EG** xehdet (vide fol 18) illi hija izzewget lil JG nhar l-24 ta' Settembru 2011 u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Ikkonfermat illi ilhom ghal madwar sitt (6) snin separati minn xulxin, u dan meta JG telaq mid-dar fl-2014. Sostniet illi mis-sena 2014, qatt ma rrikonciljat ma zewgha u lanqas ma hemm tama tal-istess. Finalment iddikjarat illi ma hemmx manteniment jew xi arretrati dovuti.

**JG** xehed (vide fol 21) u kkonferma u kkollabora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-24 ta' Settembru 2011, liema zwieg jgib c-certifikat numru 1975/2011 (Vide certifikat taz-zwieg a fol 37). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Josef C. Masini Vento, nhar id-29 ta' Marzu 2017 (vide Dok. B fol 4 et seqq.). Di piu', mill-atti u x-xhieda tal-partijiet jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati de facto mis-sena 2014,

ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati aktar miz-zmien rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1975/2011 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**